MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Rikors Numru. 104/2013

**Marie Paule Wagner (I.D. 37244A),**

**James Parsons (I.D. 38712A),**

**Patricia Gibbs (I.D. 27482A),**

**Nigel Hall (I.D. 36963A),**

**George Goodall (I.D. 28358A)**

**Vs**

**Ministeru Ghall-Energija u l-Konservazzjoni tal-ilma**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors imressaq mir-rikorrenti fis-26 ta' April 2013 fejn ippremettew is-segwenti:-

*"*

1) *L-esponenti huma ilkoll utenti tas-servizzi tal-ilma u elettriku pprovduti mill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma u tal-Korporazzjoni Enemalta rispettivament, liema korporazzjonijet huma r-responsabbilia' tal-ministeru konvenut;*

2) *Illi l-imsemmija korporazzjonijiet huma s-sidien tas-socjeta' ARMS, liema socjeta' giet inkorporata sabiex tohrog il-kontijiet lill-utenti tal-utilitajiet pprovduti mill-imsemmija korporazzjonijiet u tigbor il-pagamenti relattivi mill-utenti;*

3) *Illi ghal diversi snin l-imsemmija korporazzjonijiet adottaw, permezz ta' legislazzjoni sussidjarja, sistema duali ta' tariffi ghal-uzu mhux kummercjali tal-utilitajiet tad-dawl u l-ilma liema sistema hi bbazata fuq il-kriterju ta' residenza;*

4) *Illi it-tariffi ghall-uzu non-kummercjali tal-elettriku u l-ilma huma denominati tariffa 'residenzjali' u 'domestika' u d-differenzi huma s-segwenti:*

*i) It-tariffi tal-elettriku domestici unit on unit huma madwar 30% oghla mit-tariffi residenzjali u dan kif jirrizulta mill l-Ewwel Skeda (tariffi residenzjali) u it-Tielet Skeda (tariffi domestici) tal L.S. 423.01;*

*ii) Post Residenzjali, moghti f'Residenza Principali jew Residenza Sekondarja, ikun elegibbli ghall-Eco Reduction ta' l-ammont dovut ghall-konsum ta' l-elettriku ghall-periodu kopert mill-kont, fuq bazi pro rata li hu ta' 25% fuq l-ewwel 2000kwh f' kaz ta' persuna wahedha, u 25% f'kaz ta' aktar minn resident wiehed fuq l-ewwel 1000kwh u 15% fuq is-sussegwenti 750kwh tal-konsum kumulattiv annwali relattiv (l-ewwel skeda tal-L.S. 423.01) mentri post denominat bhala domestiku ma' jibbenefikax minn din l-iskema;*

*iii) It-tariffa residenzjali ghall-konsum tal-ilma għal kull kwantità li ma taqbiżx 33m3 hi ta' €1.47 kull 1 m3 mentri it-tariffa domestika ghall-konsum tal-ilma għal kull kwantità li ma taqbiżx 33m3 hi ta' €2.30 kull 1m3 (vide l- ewwel skeda (tariffi residenzjali) u it-tielet skeda (tariffi domestici) tal L.S. 423.03;*

5) *Illi is-socjeta' Arms ghanda policy li taqleb l-iskema ta' tariffa ta' utent skond meta l-istess japplika ghaliha u mhux minn mindu jirrizulta il-fatt ta' residenza. Din il-policy, l-esponenti qed jikkontendu li m'hiex prattika amministrattiva tajba u ghaldaqstant formalment qed jikkontestawha quddiem dan l-Onorabbli Tribunal;*

6) *Illi l-esponenti jikkontendu li hi prattika amministrattiva tajba li is-socjeta'*

*ARMS tirrikonoxxihom bhala elegibbli fuq it-tariffa amministrattiva residenzjali minn mindu dan il-fatt jigi ppruvat (minghajr pregudizzju ghall-applikazzjoni tal-preskrizzjoni applikabbli fuq kuntratti skond il-ligi ordinarja civili u cioe' ta' hames snin) u ghaldaqstant, ghal dan fini ta' dan l-ghan, - individualment - qed jipprezentaw affidavit dwar, inter alia, meta huma ghandhom jigu kkunsidrati bhala eleggibli ghal fuq it-tariffa hemm imsejjha residenzjali;*

*Ghaldaqstant l-esponenti, bir-rispett, jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal:*

*(1) Jiddikjara li utent tas-servizzi tal-elettriku u ilma pprovduti mill-koporazzjonijiet responsabbilta' tal-ministeru konvenut ghandu/ha id-dritt amministrattiv li j/tigi rikonoxxut jew rikonoxxuta bhala intitoltat/a li j/tkun fuq l-iskema non-kummercjali denominata bhala residenzjali minn meta ir-residenza tigi ppruvata bhala fatt (minghajr pregudizzju ghall-applikazzjoni tal-preskrizzjoni applikabbli fuq kuntratti skond il-ligi ordinarja civili u cioe' ta' hames snin) u mhux minn meta wiwhed japplika ghal bdil tal-tarriffa applikabbli;*

*u f'kaz li jilqa' l-ewwel talba:*

*(2) Jiddikjara, id-data applikabbli ta' residenza hawn Malta fil-kaz ta' kull esponent/i;*

*(3) Jiddikjara id-data minn mindu kull esponent ghandu jitqies bhala elegibbli li jkun fuq it-tariffa residenzjali;*

*(4) Jordna lill-ministeru konvenut jaghmel dak kollu necessarju sabiex jaffetwa din il-bidla fit-tariffa mid-data indikata fit-talba precedenti;*

*B'riserva ta' kull dritt spettanti lill-esponenti ghar-rifusjoni ta' kull hlas ghas-servizzi ta' dawl u ilma maghmul meta ma kienx legalment dovut, bl-imghaxx legali minn mindu is-somma tkun imhallsa sa meta tigi pienament refuza lill-esponenti."*

Ra r-risposta tas-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Energija u l-Konservazzjoni tal-Ilma ipprezentata fit-28 ta' Mejju 2013 fejn gie eccepit is-segwenti:-

*"*

1. *Illi preliminarjament, l-esponent jeċċepixxi n-nullità tar-rikors promotur stante li ma saritx id-debita interpellazzjoni hekk kif meħtieġ ad validitatem a tenur tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi dejjem in linea preliminari, u kif ser jirrizulta mill-provi, l-esponent jirrileva illi mhux il-legittimu kuntradittur ghat-talbiet attrici, u dan stante li:*

   a. *ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta azzjoni legali kontra l-Gvern ghandha tigi ntavolata kontra l-kap tad-dipartiment li huwa nkarigat mil-materja in kwistjoni. F'dan il-kaz partikolari, r-rikorrenti qed jilmentaw dwar it-tħaddim tat-tariffa minn soċjetà kummerċjali Automated Revenue Management Services Limited u mhux minn xi att amministrattiv da parti mill-Ministeru esponenti;*

   b. *il-Ministeru esponenti lanqas huwa inkarigat mill-amministrazzjoni tat-tariffi tas-servizzi tal-ilma u tal-elettriku u jew mill-kontijiet mahruga ghall-uzu ta' dawn l-istess servizzi u għalhekk l-esponenti huwa estraneu għall-mertu tar-rikors;*

   c. *Kemm –il darba l-ewwel, tieni u/jew tielet talba tar-rikorrenti jintlaqgħu, l-esponenti ma jkollu ebda setgħa amministrattiva li jibdel it-tariffa tal-konsum tad-dawl u l-ilma li hija stabbilita bil-liġi.*

3. *Illi preliminarjament ukoll, l-esponent jeccepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ratione materiae ta' dan l-Onorabbli Tribunal u dan peress illi r-rikorrenti ma identifikaw ebda att amministrattiv kif definit fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta li tiegħu jistgħu jitolbu r-reviżjoni. Lanqas ma jirrizulta illi ttiehdet xi decizjoni fil-konfront tar-rikorrenti jew li giet michuda xi talba maghmula minnhom, kif ser jigi determinat fl-istadju tal-provi;*

4. *Illi ghal kull buon fini, l-esponent jirrileva illi:*

   a. *ma gietx annessa lista ta' xhieda kif trid il-ligi flimkien mar-rikors promotur.*
   b. *Ir-rikors promotur ma jinklux l-indirizz tar-residenza jew tan-negozju tar-rikorrenti kif huwa meħtieġ minn 174(2)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

5. *Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jigi ppruvat f'dawn il-proceduri.*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."*

Ra l-affidavits tar-rikorrenti kollha immarkati minn Dok A sa Dok E u annessi mar-rikors promutur;

Sema' x-xhieda ta' Dr. John Abela[1], u l-kontro-ezami ta' James Parsons, Nigel Hall, Marie Paule Wagner u George Goodall[2];

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati;

Ra li r-rikors gie mholli ghas-sentenza ghal-lum fuq l-ewwel erba' eccezzjonijiet preliminari tal-Ministeru intimat.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti, li lkoll huma ta' nazzjonalita` barranija pero li huma residenti hawn Malta, hassewhom aggravati minn *policy* adottata mis-socjeta` Arms Limited u cioe li l-istess socjeta` tirrikonoxxi utenti tas-servizzi ta' dawl u ilma bhala li jibbenefikaw mit-tariffa residenzjali minn meta japplikaw ghall-istess tariffa u mhux minn mindu fil-fatt huma hadu r-residenza taghhom hawn Malta. Huma jikkontendu li huma kellhom jigu rikonoxxuti bhala residenti, ai fini tat-tariffi residenzjali, minn meta hadu r-residenza taghhom hawn Malta u mhux minn meta applikaw biex jibdew jibbenefikaw mill-istess tariffa.

Illi l-Ministeru intimat laqa' ghall-azzjoni tar-rikorrenti b'ghadd ta' eccezzjonijiet, bl-ewwel erba' jkunu ta' natura preliminari, u ghalhekk dan it-Tribunal deherlu li jkun xieraq li jigu trattati qabel jigi nvestit il-mertu proprju.

Illi l-ewwel erba' eccezzjonijiet tal-Ministeru intimat, in succint, huma s-segwenti:-

1. Illi r-rikors promutur huwa null ghaliex ma saritx id-debita interpellazzjoni skond l-artikolu 460 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] A fol. 67 et seq. u 85 et seq. tal-process
[2] A fol. 88 sa 103 tal-process

2. Illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici;

3. Illi dan it-Tribunal mhux kompetenti *rationae materiae;*

4. Illi ma gietx annessa lista ta' xhieda flimkien mar-rikors promutur u li l-istess rikors ma jinkludix l-indirizzi tar-rikorrenti kif mehtieg minn artikolu 174 (2) (c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dan it-Tribunal se jghaddi mill-ewwel biex jinvesti l-**ewwel eccezzjoni**.

Illi artikolu 460 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:-

*"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita` ufficjali taghha, hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorita` jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra ufficjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b'mod car."*

Illi bhala eccezzjoni ghal dan, is-subartikolu (2) ikompli bis-segwenti:-

*"(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx -*

*(a) għal azzjonijietgħal rimedju taħt l-artikolu 46 talKostituzzjoni; jew*

*(b) għal mandati ta' inibizzjoni; jew*

*(ċ) għal azzjonijiet għall-korrezzjoni ta' atti tal-istat*

*ċivili; jew*

*(d) għal azzjoniijiet li għandhom jinstemgħu bl-urġenza;*

*(e) għal riferenzi ta' tilwimiet għall-arbitraġġ,*

*u meta skont id-disposizzjonijiet ta' xi liġi għandha tiġi mħarsa*

*proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor."*

Illi l-Ministeru intimat, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, jikkwota diversi sentenzi fejn il-Qrati taghna applikaw l-imsemmi artikolu f'kawzi kontra l-Gvern jew xi entita` tieghu.

Illi jinghad illi l-ghan ewlieni ta' dan il-privilegg huwa dak li jaghti lill-Gvern, awtorita` jew persuna pubblika, zmien bizzejjed biex jindirizza l-ilment imressaq permezz tal-att gudizzjarju.

Illi fil-mori tal-kawza, ir-rikorrenti ipprezentaw zewg Protesti Gudizzjarji (Dok JG1 u Dok JG2 a fol. 46 sa 65 tal-process) minn fejn jirrizulta illi fl-14 ta' Dicembru 2012, ir-rikorrenti, flimkien ma' ghadd ta' persuni ohra avvanzaw pretensjonijiet kontra is-socjeta` ARMS Limited u kontra l-Awtorita` Maltija Dwar ir-Rizorsi (Dok JG2). Sussegwentement gie pprezentat protest gudizzjarju iehor fis-6 ta' Frar 2013 fejn l-istess rikorrenti, u terzi, regghu avvanzaw l-istess pretensjonijiet pero din id-darba fil-konfront tal-**Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment,** kontra l-Ministeru dwar ir-Rizorsi u Affarijiet Rurali, kontra l-Korporazzjoni Enemalta u finalment kontra l-Avukat Generali, liema protest gie notifikat lill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment fit-13 ta' Frar 2013 (Dok JG1).[3]

Illi huwa fatt pubblikament maghruf illi sa qabel Marzu 2013 il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment kellu fid-dekasteru tieghu ir-responsabbilita` tal-Korporazzjoni Enemalta u tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma u dak kollu ancillari ghalihom. Illi ghalhekk jirrizulta ampjament car illi, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-Ministeru intimat, il-Ministeru li ppreceda dak odjern u li kien responsabbli gha-servizzi ta' dawl u ilma kien gie notifikat bil-protest gudizzjarju precedentement ghall-intavolar tar-rikors odjern.

---

[3] Ara riferta pozittiva *a tergo* ta' fol. 56

Ghaldaqstant din l-ewwel eccezzjoni qieghdha tigi michuda.

Illi sorvolata din l-ewwel eccezzjoni preliminari, it-Tribunal se jinvesti **t-tieni eccezzjoni** fejn il-Ministeru intimat qieghed isostni li hu mhux il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici.

Illi l-Ministeru intimat jaghti tlett ragunijiet ghal dan u cioe:-

a. Illi ai termini tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, azzjoni kontra l-Gvern ghandha tigi intavolata kontra l-kap tad-dipartiment li huwa nkarigat mill-materja in kwistjoni;

b. Illi l-Ministeru intimat mhux inkarigat mill-amministrazzjoni tat-tariffi tas-servizzi tal-ilma u elettriku jew mill-kontijiet ghall-uzu tal-istess servizzi;

c. Illi kemm-il darba t-tieni u/jew it-tielet talba ta-rikorrenti jigu milqugha, huwa ma jkollu ebda setgha amministrattiva li jibdel it-tariffa tal-konsum tal-istess servizzi li hija stabbilita bil-ligi.

Illi jirrizulta li ai termini tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12, il-persuna li ghandha r-rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern jew ta' xi entita` tieghu hija l-**kap tad-dipartiment**. F'kaz li li l-att gudizzjarju, minhabba n-natura tat-talbiet, ma jkunx jista' jigi dirett kontra l-kap tad-dipartiment, allura dan ghandu jigi dirett kontra l-Avukat Generali.

Illi minn qari tat-talbiet fir-rikors promutur, jirrizulta illi l-istess talbiet huma fil-maggor parti taghhom ta' natura dikjaratorja bl-ahhar talba tkun li jekk dan it-tribunal jilqaghhom, jordna lill-Ministeru intimat jaghmel dak kollu necessarju sabiex jaghtihom effett.

Illi dan it-Tribunal, f'dan l-istadju, mhux se jezamina l-mertu tat-talbiet ghaliex din is-sentenza hija proprju fuq eccezzjonijiet preliminari, pero jirrizulta illi l-Ministeru intimat ghandu ragun fuq il-fatt li hu ma setghax jigi mharrek kif fil-fatt gie mharrek. Il-Ministeru m'ghandux ir-rapprezentanza guridika biex jitharrek. In oltre, huwa fatt pubblikament maghrufa illi s-socjeta` ARMS Limited kienet giet iffurmata bhala kumpanija privata mill-Korporazzjoni Enemalta u mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u bdiet taghmel il-*management* tal-kontijiet tas-servizzi tad-dawl u l-ilma. Illi mix-xhieda ta' Dr. Joe Abela, *Chairman* tal-Kumpanija ARMS, jirrizulta illi t-tariffi li jilmentaw minnhom ir-rikorrenti huma skond *policy* adoperata mill-istess ARMS Limited, liema *policy* hija in konformita` mar-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku (Legislazzjoni Sussidjarja 423.01).

Illi skond il-verzjoni Ingliza tal-istess Regolamenti, il-persuna responsabbli ghat-thaddim tal-istess Regolamenti hija c-*Chairman* tal-Korporazzjoni Enemalta jew inkella ufficjal tal-istess Korporazzjoni awtorizzat mill-istess *Chairman*. Illi ghalhekk kwalunkwe pretensjoni li jista' ghandhom ir-rikorrenti rigward it-tariffi jew ahjar l-applikabbilita` taghhom skond ir-Regolamenti msemmija ma tistghax tigi indirizzata kontra l-Ministeru intimat peress li l-uniku darba li jissemma l-Ministru huwa f'Regolament 42 li jghid "*Rati specjali ghall-provvista ta' kurrent elettriku, li ma jkunux dawk specifikati f'dawn ir-regolamenti, jistghu jithallsu bi ftehim bejn ic-Chairman u l-konsumatur jekk il-Ministru, wara li jittiehed kont ta' l-interess ekonomiku ta' Enemalta, hekk japprova*."

Illi ghalhekk l-involviment tal-Ministeru fit-thaddim tal-istess Regolamenti huwa wiehed marginali u certament m'ghandu l-ebda funzjoni fit-thaddim tal-*policy* adoperata mill-ARMS Ltd. u kwindi ma jistghax iwettaq dak mitlub mir-rikorrenti f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni tal-Ministeru intimat qieghdha tigi milqugha.

Illi, jekk irid, it-Tribunal jista' jieqaf hawn, pero ihoss li ghandu jinoltra ruhu fit-tielet eccezzjoni a skans ta' proceduri ulterjuri inutili.

Illi **<u>bit-tielet eccezzjoni</u>** tieghu il-Ministeru intimat jikkontendi li dan it-Tribunal mhux kompetenti *rationae materiae* peress li r-rikorrenti ma identifikaw l-ebda att amministrattiv kif definit fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta li tieghu qeghdin jitolbu revizjoni. Skond l-istess Ministeru lanqas ma jirrizulta illi ttiehdet xi decizjoni fil-konfront taghhom jew li giet michuda xi talba maghmula minnhom.

Illi artikolu 2 tal-Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva jiddefinixxi "att amministrattiv" bhala li jinkludi *" l-ħruġ mill-amministrazzjoni pubblika ta' ordni, liċenza, permess, warrant, awtorizzazzjoni, konċessjoni, deċiżjoni jew ċaħda ta' xi talba magħmula minn membru tal-pubbliku, iżda ma tinkludix miżura li tittieħed għall-organizzazzjoni interna jew ta' amministrazzjoni fi ħdan l-istess amministrazzjoni pubblika".*

Illi mix-xhieda tar-rikorrenti jirrizulta illi l-pendenza li ghandhom hija essenzjalment mas-socjeta` ARMS Limited u kif din qieghdha tohrog jew kienet tohrog il-kontijiet tad-dawl u ilma fil-konfront taghhom. Illi c-*Chairman* tal-istess socjeta` spjega illi biex wiehed jibbenefika mir-rata residenzjali irid japplika ghall-istess rata u sussegwentement, jekk wiehed ikollu l-kriterji necessarji, jibda jibbenefika mill-istess rata. Illi min-naha l-ohra, ir-rikorrenti qeghdin jikkontendu li r-rata residenzjali ghandha tigi applikata favur taghhom minn meta hadu r-residenza taghhom hawn Malta u mhux minn meta applikaw ghar-rata residenzjali. Illi ghalhekk il-pretensjoni taghhom hija bbazata fuq impunjazzjoni tar-Regolamenti ezistenti. Certament dan it-Tribunal mhux il-*forum* kompetenti biex jiehu konjizzjoni ta' tali pretensjoni. Illi l-awtorita` kompetenti biex tigbor il-hlas tas-servizzi tad-dawl u ilma, f'dan il-kaz ARMS Limited, qieghdha tapplika r-Regolamenti li hemm vigenti. Jekk wiehed irid jattakka l-istess Regolamenti allura r-rimedju tieghu huwa f'*forum* iehor.

Ghaldaqstant it-tielet eccezzjoni tal-Ministru intimat qieghdha wkoll tigi milqugha.

Illi fir-rigward tar-**<u>raba' eccezzjoni</u>** u cioe n-nullita` tar-rikors promutur minhabba n-nuqqas ta' indikazzjoni tax-xhieda u l-indirizz ta' kull wiehed u wahda mir-rikorrenti, dan it-Tribunal jinnota illi fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2014, Dr. Juliette Galea ghan-nom tar-rikorrenti iddikjarat li ma kellhiex iktar xhieda xi tressaq apparti l-affidavits li kienet diga pprezentat u li l-indirizzi tar-rikorrenti jinsabu indikati fl-istess affidavits.

Illi iktar minn hekk, fit-13 ta' Awissu 2014, ir-rikorrenti ipprezentaw nota li permezz taghha esebew lista ta' xhieda.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi tali dikjarazzjoni u nota ssanaw il-mankanza procedurali li kien hemm fil-bidu ta' dawn il-proceduri u dan qieghed jinghad anke in linea mal-ispirtu tal-ligi ta' procedura li fejn hu possibbli att ghandu jigi salvat.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qieghdha tigi michuda.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-ewwel u r-raba' eccezzjoni tal-Ministeru intimat filwaqt li jilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-istess Ministeru u ghaldaqstant jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------